MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 243/2007

**MIRA MOTOR SALES LIMITED** u Joseph Żammit

**vs**

**AUTO REPAIRS & SERVICES LIMITED** u Melita Insurance Brokers Limited

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-5 ta' Marzu, 2007, li bih ir-rikorrenti Mira Motor Sales Limited u Joseph Żammit talbu, għar-raġunijiet hemm imfissra, li din il-Qorti (a) taħtar minnufih amministratur provviżorju biex jieħu l-kontroll tal-assi tal-kumpannija Auto Repairs & Services Limited; (b) li tiddikjara lill-istess kumpannija intimata insolventi għall-finijiet tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji; u (ċ) li tordna l-istralċ tal-istess kumpannija intimata għall-finijiet tal-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-imsemmi Kapitolu 386;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-2 ta' Mejju, 2007[1], li bih l-intimati iddikjaraw li ma kinux sejrin iressqu Tweġiba formali għat-talbiet tar-rikorrenti u li huma ma kinux kontra li jinħatar likwidatur tal-kumpannija intimata Auto Repairs & Services Limited;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Awissu, 2007[2], li bih laqgħet l-ewwel talba tar-rikorrenti u ħatret lill-Avukat Dottor Stefano Filletti bħala amministratur proviżorju;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Jannar, 2008[3], li bih u fuq talba magħmula mill-amministratur provviżorju b'rikors tiegħu tat-23 ta' Jannar, 2008, tat direttivi lid-diretturi tal-kumpannija, taħt piena ta' penali, biex jagħtuh it-tagħrif mitlub biex ikun jista' jwettaq il-ħatra li ngħatatlu;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent Joseph Żammit fit-12 ta' Frar, 2008[4], bi twettiq tal-imsemmi degriet;

Rat in-Nota mressqa mill-intimata Melita Insurance Brokers Limited fis-26 ta' Frar, 2008[5], flimkien ma' lista ta' kredituri u debituri tal-kumpannija intimata Auto Repairs & Services Limited, bi twettiq tal-imsemmi degriet;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' April, 2008[6], li bih u fuq talba tal-amministratur proviżorju fir-rikors tiegħu tal-25 ta' Marzu, 2008, ipprovdiet dwar ħlas ta' drittijiet u spejjeż minnu minfuqin biex wettaq il-ħatra tiegħu;

Rat ir-Rapport *interim* imressaq mill-amministratur provviżorju fis-7 ta' April, 2008[7], kif minnu ordnat bl-imsemmi degriet tas-7 ta' Awissu, 2007;

Rat id-dokumenti mehmużin mal-istess rapport[8];

[1] Paġ. 24 tal-proċess
[2] Paġġ. 73 – 6 tal-proċess
[3] Paġ. 82 tal-proċess
[4] Paġ. 83 – 4 tal-proċess
[5] Paġ. 88 tal-proċess
[6] Paġ. 99 tal-proċess
[7] Paġġ. 100 sa 115 tal-proċess
[8] Paġġ. 116 sa 604 tal-proċess

Rat il-verbal tas-smigħ tal-10 ta’ April, 2008, li bih l-Avukat tal-intimati iddikjara li joqgħod għall-konklużjonijiet li wasal għalihom l-amministratur provviżorju;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta’ April, 2008, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għall-provvediment meħtieġ;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba biex il-Qorti tordna li kumpannija tiġi xolta u biex jibda l-proċess li jwassal għall-istralċ tagħha. Ir-rikorrenti, li hija kreditriċi tal-kumpannija intimata Auto Repairs & Services Limited u qiegħda titlob lill-Qorti tagħti l-Ordni għar-raġuni li l-imsemmija kumpannija intimata ma tistax tħallas id-djun tagħha[9]. Tistqarr li l-kumpannija l-oħra intimata, Melita Insurance Brokers Limited, ukoll ipprovat tpoġġi lill-kumpannija intimata fi stralċ volontarju, imma nqalgħu intoppi dwar is-siwi tar-riżoluzzjoni li saret ;

Illi bħala provi biex issaħħaħ it-talba tagħha, il-kumpannija rikorrenti ressqet provi dokumentali. Provi oħrajn dwar il-qagħda attwali u kontinġenti tal-kumpannija intimata nġabru mill-amministratur provviżorju. Minbarra dan, intwera li l-kumpannija intimata jidher li waqqfet jew issospendiet in-negozju tagħha (għalkemm ma saritx talba għall-ħruġ tal-Ordni għal Stralċ fuq din il-kawżali);

Illi jrid jingħad li l-liġi tħalli diskrezzjoni f’idejn il-Qorti jekk tagħżilx li tagħti l-Ordni tal-Istralċ fil-każ fejn il-kumpannija ma tkunx tista’ tħallas id-djun tagħha. Il-liġi tgħid x’inhuma ċ-ċirkostanzi fejn kumpannija għandha titqies li ma tkunx tista’ tħallas id-djun tagħha[10]: biex Ordni ta’ Stralċ jista’ jingħata huwa biżżejjed li lill-Qorti tintwera l-eżistenza ta’ waħda minnhom. Iż-żewġ ċirkostanzi li l-liġi bihom tqis li kumpannija ma tistax tħallas id-djun tagħha huma (a) in-nuqqas ta’ ħlas ta’ dejn kanoniżżat sa żmien erbgħa u għoxrin (24) ġimgħa mill-ħruġ ta’ Mandat Eżekuttiv kontra

[9] Art. 214(2)(a)(ii) tal-Kap 386
[10] Art. 214(5) tal-Kap 386

l-kumpannija, jew (b) li jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li l-kumpannija ma tistax tħallas djunha, meta jitqies ukoll il-passiv kontinġenti u prospettiv tagħha. Mill-kliem tal-liġi nnifisha, jista' jkun hemm ċirkostanzi differenti li juru li kumpannija tkun f'qagħda li ma tistax tħallas id-djun tagħha, ukoll jekk ma tkunx fi stat ta' insolvenza[11]. Għalhekk, skond l-għejjun tal-liġi li minnhom tfasslet il-liġi tagħna tal-lum dwar din il-materja, "*a company is deemed to be insolvent if it is proved to the satisfaction of the Court that it cannot pay its debts as they fall due*"[12];

Illi, kif ingħad, intwera wkoll li l-kumpannija qegħda tbati minn dak li fid-dritt huwa magħruf bħala "*current debts insolvency*" fejn il-kumpannija ma kinitx qegħda tħallas id-djun li jagħlqu meta jagħlqu, u kienet ukoll f'qagħda ta' dak li huwa magħruf bħala "*balance sheet insolvency*", billi l-ammont ta' djun magħrufa kienu jisbqu fil-valur l-assi tagħha. Minbarra dan, jidher ukoll li jeżisti nuqqas ta' qbil fuq bosta ħwejjeġ mid-diretturi u mill-azzjonisti bejniethom, li jolqtu sewwa t-tmexxija tal-kumpannija intimata f'dik is-serenita' li hija meħtieġa biex l-istess kumpannija toħroġ mill-qagħda li tinsab fiha;

Illi għall-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi u provi huma biżżejjed biex bihom tiddeċiedi favorevolment għat-talba tar-rikorrenti. Hemm ukoll l-adeżjoni tal-kumpannija intimata Melita Insurance Brokers Limited, kif imfissra mill-għaref difensur tagħha waqt l-aħħar smigħ;

Għal dawn ir-raġunijiet, wara li qieset dawn il-fatti u kif ukoll l-artikoli 235 u 305 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif qiegħed jingħad hawn taħt:

1. Filwaqt li tastjeni milli tqis iżjed l-ewwel talba, fid-dawl tad-degriet mogħti minnha fis-7 ta' Awissu, 2007;

2. Qiegħda, għall-finijiet u effetti kollha tal-artikoli 219 u 223(1) tal-Kap 386, tordna l-istralċ tal-kumpannija

---

[11] Ara Bailey, Groves & Smith Corporate Insolvency (2nd Edit, 2001), paġ. 267 u *Cornhill Insurance Plc vs Improvement Services Ltd. (1986) BCLC 26*
[12] *Ibid.*

kummerċjali Auto Repairs & Services Limited, u dan b'seħħ mill-5 ta' Marzu, 2007;

3. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart (10) ijiem mid-data ta' din l-ordni, jibgħat kopja tiegħu lir-Reġistratur tal-Kumpanniji: liema kopja għandha, għall-finijiet tal-artikolu 235(1), tagħmel tajjeb għall-avviż li għandu jingħata lill-istess Reġistratur mill-persuna maħtura bħala stralċjarju ;

4. Twettaq fil-ħatra bħala stralċjarju tal-istess kumpannija intimata lill-Avukat Dottor Stefano Filletti ta' numru 7, Triq San Kristofru, Valletta, b'seħħ minn daki inhar tal-ħatra tiegħu bħala amministratur provviżorju, filwaqt li tirratifika kulma wettaq s'issa f'dik il-ħatra;

5. Illi, għall-finijiet tal-artikolu 263 tal-Kap 386, u b'żieda ma' dawk is-setgħat imsemmija fl-artikolu 238, l-imsemmi stralċjarju qiegħed jingħata s-setgħa li jwettaq l-għemejjel hemm imsemmija kif jidhirlu xieraq hu, iżda mhux qabel ma jkun għarraf lill-Qorti minn qabel permezz ta' Nota fl-Att ta' dan ir-Rikors;

6. Illi, għall-finijiet ta' dan id-Degriet, il-Qorti qegħda torbot li l-istess stralċjarju li m'għandu jwettaq l-ebda delega tas-setgħat jew funzjonijiet tiegħu skond dan id-Degriet u skond il-liġi, qabel ma jkun kiseb il-permess minn din il-Qorti fuq talba mressqa għal dan il-għan b'rikors;

7. Tordna lill-istralċjarju sabiex, għall-finijiet tal-artikolu 240 tal-Kap 386, iżomm dak it-tagħrif dokumentat u dawk il-kotba tat-twettiq tal-amministrazzjoni tiegħu u li jressaqhom (jew kopji awtentikati taghhom) għall-eżami tal-Qorti kull meta, mqar b'Degriet mogħti taħt l-artikolu 173 tal-Kap 12, jintalab li jagħmel dan;

8. Tordna lill-istralċjarju jsejjaħ u jżomm dawk il-laqgħat mal-kredituri skond kif imfisser fl-artikolu 296 tal-Kap 386, biex jiġu indirizzati l-kwestjonijiet kollha marbuta mal-istralċ;

9. Tordna lill-istralċjarju biex, sa żmien sitt (6) xhur kalendarji mid-data ta’ din l-Ordni, iressaq rapport aġġornat ta’ dak kollu li jkun wettaq a tenur ta’ dan id-Degriet; u,

10. Fl-aħħarnett, u filwaqt li żżomm sħiħa s-setgħa tagħha li tibdel u żżid ma’ l-ordnijiet mogħtija bis-saħħa ta’ dan id-Degriet skond ma jkunu jitolbu ċ-ċirkostanzi, tordna lill-istralċjarju li jagħmel magħrufa dawn l-ordnijiet lil kull min għandu interess għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

**< Provediment >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------